IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, il-31 ta’ Jannar 2018**

## L-awdituri jeżaminaw l-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) qed twettaq awditu tal-qafas strateġiku tal-UE għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni – fejn art li qabel kienet għammiela ssir dejjem aktar arida u inqas produttiva. L-awditu se jeżamina jekk ir-riskju ta' deżertifikazzjoni fl-UE huwiex qed jiġi indirizzat b'mod effettiv u effiċjenti.**

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) tiddefinixxi d-deżertifikazzjoni bħala *degradazzjoni ta' art f'żoni aridi, semiaridi u aridi iżda b’umdità baxxa li tirriżulta minn diversi fatturi, inklużi varjazzjonijiet klimatiċi u attivitajiet umani.* Id-deżertifikazzjoni hija riżultat, iżda wkoll kawża, tat-tibdil fil-klima. Hija tirriżulta wkoll minn prattiki insostenibbli ta’ ġestjoni tal-art. Hija żżid l-impatt tat-tibdil fil-klima, billi l-art deżertifikata titlef il-kapaċità tagħha li taħżen il-karbonju, u b’hekk il-volumi ta’ gassijiet serra li jkunu jistgħu jiġu assorbiti jonqsu.

*“Id-deżertifikazzjoni tista’ tirriżulta fi tnaqqis fil-produzzjoni tal-ikel, infertilità tal-ħamrija, u tnaqqis fir-reżiljenza naturali tal-art u fil-kapaċità tagħha li taħżen il-karbonju”*, qal **Phil Wynn Owen, il-Membru tal-QEA responsabbli għall-awditu**. *“Min-naħa tagħhom, dawn jikkawżaw faqar, problemi tas-saħħa aggravati minħabba fi trab li jtir biir-riħ, u tnaqqis fil-bijodiversità. Id-deżertifikazzjoni tista’ tirriżulta f’telf ta’ mezzi tal-għajxien, li min-naħa tiegħu, jista’ jwassal għall-migrazzjoni tal-persuni affettwati.”*

L-erożjoni tal-ħamrija, flimkien man-nuqqas ta’ ilma u temperaturi ogħla li jżidu l-evaporazzjoni, tkompli żżid ir-riskju ta’ deżertifikazzjoni. Is-sitwazzjoni hija l-aktar serja f’parti kbira minn Spanja, fin-Nofsinhar tal-Portugall, in-Nofsinhar tal-Italja, ix-Xlokk tal-Greċja, Ċipru, u f’żoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija li jmissu mal-Baħar l-Iswed. Riċerka li saret tindika li sa 44 % tat-territorju ta’ Spanja, 33 % tal-Portugall, u kważi 20 % tal-Greċja u tal-Italja għandhom riskju għoli ta’ erożjoni tal-ħamrija. F’Ċipru, skont il-programm nazzjonali ta' azzjoni tal-pajjiż għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, 57 % tat-territorju jinsab f’sitwazzjoni kritika f’dak li jirrigwarda r-riskju ta’ deżertifikazzjoni.

Il-finanzjament li jingħata mill-UE għal proġetti relatati mad-deżertifikazzjoni jiġi minn diversi sorsi, bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Programm LIFE u l-programmi ta’ riċerka tal-UE.


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

Sa issa, 13-il Stat Membru ddikjaraw lill-UNCCD li huma affettwati mid-deżertifikazzjoni. L-awdituri qed iżuru ħamsa minnhom: ir-Rumanija, Ċipru, l-Italja, Spanja u l-Portugall.

Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat lejn tmiem l-2018. Awditu relatat, dwar l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar fl-UE, huwa wkoll previst li jiġi ppubblikat aktar tard din is-sena.

**Nota lill-Edituri**

It-13-il Stat Membru li sa issa ddikjaraw lill-UNCCD li huma affettwati mid-deżertifikazzjoni huma: il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.